MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 127/1997/2

**Gourmet Company Limited u Domenico Savio sive Savio Spiteri**

**vs**

**Mariano Vella u b'digriet tal-4 ta' Marzu, 2004, stante l-mewt ta' Mariano Vella fil-mori tal-kawza l-gudizzju gie trasfuz f'isem Anthony Vella**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1.1 Din hi kawza ta' ritrattazzjoni. B'citazzjoni l-atturi talbu lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri biex (1)

tiddikjara u tiddeciedi li l-allegata lokazzjoni mill-konvenut lis-socjeta` Gourmet Company Limited bl-iskrittura privata tad-19 ta’ Settembru, 1992, tal-Gourmet Bar & Restaurant u bl-istore mieghu anness f’Rabat Road, Xlendi, hija nulla u minghajr l-ebda effett skond il-ligi, bl-ispejjez kontra l-konvenut u minghajr pregudizzju ghad-drittijiet kollha pertinenti lill-atturi u senjatament ghad-danni kagunati mill-konvenut, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Illi l-konvenut ikkontesta din il-kawza.

1.2 B’sentenza tat-13 ta’ April, 1999, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri ddikjarat illi l-iskrittura privata tad-19 ta’ Settembru, 1992, hija valida ghal kull effett tal-ligi u vinkolanti bejn il-partijiet li ffirmawha u cahdet it-talbiet ta’ l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

Illi l-atturi appellaw mill-precitata sentenza.

1.3 B’sentenza in parte tal-31 ta’ Mejju, 2000, din il-Qorti cahdet l-aggravji kollha ta’ l-atturi appellanti, hlief l-aggravju dwar il-meritu, li bihom sostnew li huma ma kellhomx smigh xieraq mill-ewwel Qorti u lmentaw minn diversi digrieti fil-kors tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, liema digrieti huma kienu qed jitlobu r-revoka taghhom.

**IS-SENTENZA IMPUNJATA**

2 B’sentenza tad-19 ta’ Novembru, 2001, ta’ din il-Qorti, li tirrigwarda biss l-aggravju dwar il-meritu deciz bl-imsemmija sentenza tat-13 ta’ April,1999, l-appell dwar il-meritu gie michud u s-sentenza appellata giet ikkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti (cioe` kontra Gourmet Company Ltd. u Domenico Savio sive Savio Spiteri).

**TALBA GHAL RITRATTAZZJONI**

3.1 L-atturi – ir-rikorrenti f’din il-kawza ta’ ritrattazzjoni – hassew illi mis-sentenza ta’ din il-Qorti tad-19 ta’ Novembru, 2001, hemm lok ghal ritrattazzjoni a bazi ta’ l-Artikolu 811(i) u 811(l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-kapi tas-sentenza li huma qed jattakkaw a tenur ta' l-Artikoklu 816 tal-Kap. 12 u r-ragunijiet ghar-ritrattazzjoni huma s-segwenti:
"(1) Billi fis-sentenza hemm disposizzjonijiet kontra xulxin – art. 811(i);

"(2) Billi s-sentenza kienet effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza b'dan illi d-decizjoni kienet ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu hi bla dubju eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt li l-verita` tieghu hi stabbilita pozittivament – ara. 811(l)."

3.2 Ir-ritrattandi jghaddu biex isemmu sensiela ta' fatti kif gej:-
"Illi d-decizjoni ta' din il-Qorti kienet ibbazata fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt li l-verita` tieghu hi stabbilita pozittivament. Skond l-Art. 811(l) tal-Kap. 12 sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tista' tigi mhassra: *"where the judgement was the effect of an error resulting from the proceedings or documents in this cause".*

*""For the purposes of this paragraph there shall be deemed to be such error only where the decision is based on the supposition of some fact the truth whereof is incontestably excluded, or on the supposition of the non-existence of some fact the truth whereof is positively established, provided that in either case the fact was not a disputed issue determined by the Court."*

"Fis-sentenza li qed tigi attakkata, din il-Qorti qalet illi l-qofol ta' l-iskrittura tad-19 ta' Settembru, 1992 **"ma hu <u>xejn hlief</u> kuntratt ta' kiri"** bejn Mariano Vella u s-socjeta` Gourmet Company Limited. Hawnhekk il-Qorti bbazat id-decizjoni taghha esklussivament fuq il-lokazzjoni u ghalhekk fuq is-supposizzjoni li ma kienx jezisti xi fatt iehor ippruvat pozittivament, meta invece kien hemm fatt ippruvat, u cioe` illi b'dik l-iskrittura tad-19 ta' Settembru, 1992, Savio Spiteri kien qed jixtri s-sehem ta' Anthony Vella fil-kumpanija bil-patt illi l-imsemmi Anthony

Vella jittrasferixxi sehem wiehed lir-Reverendu Renato Valente.

Illi dan il-fatt, li l-verita` tieghu hi stabbilita pozittivament fis-sens ta' l-Artikolu 811(I) tal-Kap. 12, jirrizulta minn 3 fonti principali jew sekondarji:

(a) jirrizulta mill-iskrittura stess tad-19 ta' Settembru, 1992, esebita a fol. 14 tal-process;

(b) jirrizulta mill-premessi tac-citazzjoni u dikjarazzjoni;

(c) jirrizulta mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri moghtija fit-13 ta' April, 1999.

Illi biex wiehed jiffoka fuq dawn it-tliet (3) fonti:
(a) <u>Fl-iskrittura a fol. 14 jinghad</u>:

*"….u ghalhekk bis-sahha tal-prezenti huma jaqblu u jiftehmu dan li gej:*

*1. Anthony Vella qieghed jobbliga ruhu illi jittrasferixxi a favur ta' Savio Spiteri illi jaccetta u jobbliga ruhu li jakkwista minghandu erba' mija u disgha u disghin (499) share fl-istess kumpanija bil-prezz ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) illi ghandhom jithallsu fuq is-share transfer relativ; … …*

*2. Savio Spiteri qieghed jassumi ad eskluzzjoni ta' Anthony Vella kwalunkwe debitu ezistenti sia kontra l-kumpanija msemmija sia kontra l-istess Savio Spiteri u Anthony Vella personalment in konnessjoni mal-gestjoni ta' l-imsemmi negozju; kif ukoll kwalunkwe responsabilita` ohra sia civili kif ukoll kriminali illi ghandha x'taqsam ma' l-imsemmi negozju jew ma' xi xoghol kwalunkwe illi sar minn Spiteri u Vella jew xi hadd minnhom fil-kors ta' l-imsemmi negozju.*

*3. Il-partijiet jaqblu illi l-kumpanija ghandha debitu favur il-Mid Med Bank illi hu garantit b'ipoteka generali kontra Savio Spiteri, Anthony Vella u Marjanu Vella; u jaqblu illi dan id-debitu qieghed jigi assunt in toto minn Savio*

*Spiteri. Ghalhekk kontestwalment mal-bidu fis-sehh ta' dan in-negozju guridiku, ghandu jsir kuntratt pubbliku illi bis-sahha tieghu Mid-Med Bank ghandu jirrilaxxja jew jassolvi lil Marjanu Vella u lil Anthony Vella minn kull responsabilita` in konnessjoni ma' dan id-debitu filwaqt illi jzomm fermi d-drittijiet taghhom kontra Savio Spiteri. …"*

(b) Fil-premessi tac-citazzjoni jinghad:

*Illi wara xi sena ta' gestjoni tal-Gourmet Bar & Restaurant inqalghu xi vertenzi bejn l-attur Savio Spiteri u Anthony Vella li eventwalment ftehmu li l-attur jixtri l-ishma ta' Anthony Vella kif fil-fatt sar u l-attur assuma r-responsabilita` u d-debiti kollha in konnessjoni mal-gestjoni ta' l-imsemmi negozju;"*

(c) Fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri jinghad:

*"… Is-soluzzjoni nstabet billi Savio Spiteri jixtri s-sehem ta' Anthony Vella fil-kumpanija, bil-patt illi Anthony Vella jittrasferixxi sehem wiehed lir-Reverendu Renato Valente."*

L-ommissjoni ta' dan il-fatt li gie pozittivament stabbilit u li sfugga ghal kollox l-attenzjoni ta' din il-Qorti tant illi l-ezistenza tieghu giet mentalment eskluza minnha bl-aktar mod enfatiku meta kkummentat illi l-qofol ta' l-iskrittura in kwistjoni "ma hu xejn hlief kuntratt ta' kiri", ghandha mpatt qawwi fuq id-decizjoni moghtija minnha dwar l-aggravju fuq il-meritu. Dan ghaliex ladarba l-intenzjoni u t-triq ghal soluzzjoni kienet li jsir trasferiment ta' ishma ta' Anthony Vella lil Domenico Savio Spiteri biex b'hekk huma jaslu ghal soluzzjoni ta' l-inkwiet ta' bejniethom, ma kienx hemm ghalfejn kera assigurata ta' Lm100 fis-sena titwarrab biex wiehed jidhol f'kera ta' Lm4,000 fis-sena, li wara 4 snin tawmenta ghal Lm5,000 (u tkompli tawmenta ghal Lm40,000 wara 8 snin). Wiehed irid ikun mhux f'sensih biex jaghmel haga bhal din. Kunsidrat ghalhekk dan il-fatt pozittivament stabbilit fis-sens tal-ligi li gie espressament eskluz fid-deliberazzjoni ta' din il-Qorti dwar il-meritu tal-kawza, huwa kredibbli r-rikorrenti ritrattandi

meta jghid li gie ttradut. Fejn qatt kienet illi fl-ahhar seduta qabel ma l-kawza giet differita ghas-sentenza mill-ewwel Qorti fil-Gzira ta’ Ghawdex, il-konvenut ittella’ bhala xhud tieghu lill-konsulent legali ta’ l-attur, Dr. Alfred Grech, biex jixhed favur tieghu u dan jixhed minghajr problema ta’ xejn u ma jinvokax il-vinkolu tas-sigriet professjonali li jezisti bejnu u l-attur? Fejn qatt instemghet illi l-konsulent legali ta’ l-attur jaccetta li jaghmel dan f’mument krucjali tal-kawza meta l-attur kien jinsab mhux assistit u mhux ippatrocinat, stante li Dr. Malcolm Pace kien hassu kostrett li jirriznunzja ghall-patrocinju ta’ l-attur? Mhijiex din haga nawdita almenu f’Malta? Huwa sintomatiku li la l-ewwel Qorti u lanqas din il-Qorti, certament spinti mill-virtu` prudenza, ma ghamlu l-icken accenn ghad-deposizzjoni altament oggezzjonabbli ta’ Dr. Alfred Grech li f’dik l-ahhar seduta ta’ qabel is-sentenza sammar bi bravura oskura lill-ex patrocinat tieghu Domenico Savio Spiteri.

Ghalhekk, wiehed jista’ jghid, kif qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha, illi l-kwadru kollu “jkompli jrendi inattendibbli l-pretensjoni taghhom illi huma gew b’xi mod imqarrqa jew indotti fl-izball”. Izda wiehed jista’ daqstant iehor jghid illi l-assistenza legali li kellu ir-rikorrenti Domenico Savio Spiteri, bniedem li ma jafx jaqra u jikteb, kienet dik li tirrizulta mill-process li hi. Min-naha ’l wahda, wiehed jista’ jghid li r-rikorrenti ritrattandi kienu denjament assistiti minn Avukati kwalifikati u kompetenti, kif qalet din il-Qorti. Izda, min-naha ’l ohra, wiehed jista’ jghid ukoll illi r-rikorrent kien jinsab f’idejn avukat li fl-ahhar seduta qabel is-sentenza ha l-pedana tax-xhieda biex jixhed kontra l-patrocinat tieghu u favur il-konvenut, minghajr accenn biex jinvoka s-sigriet professjonali. Ix-xiehda tieghu dwar ir-relazzjoni professjonali ma’ Savio Spiteri ma kienitx tkopri biss ir-‘res gestae’ izda kienet tolqot ukoll l-interpretazzjoni tieghu dwar l-intenzjonijiet tal-patrocinat tieghu kif manifestati fid-djalogi kunfidenzjali ta’ bejniethom.

Hemm aspett iehor li jallaccja ma’ din il-kwistjoni, u hemm zball iehor fis-sentenza li qed tigi attakkata: Skond l-ahhar premessa ta’ l-att tac-citazzjoni, l-iskrittura

mpunjata tad-19 ta' Settembru, 1992, giet abbuzivament transuntata u nsinwata min-Nutar Dr. John Busuttil u n-Nutar Dr. Paul George Pisani, li qatt ma gew awtorizzati li jaghmlu dan da parti ta' xi hadd mill-atturi odjerni. Dwar din il-premessa, fis-sentenza li qed tigi attakkata, f'pagni 9 u 10, insibu osservat hekk:

"*Dawn iz-zewg premessi, li jidher li kellhom iwasslu ghal zewg talbiet separati, ma jidhrux effettivament koperti bit-talba unika dedotta fil-prezenti istanza. F'kull kaz kienu premessi li kienu jinvolvu wkoll l-operat ta' terzi li ma humiex parti f'din il-kawza.*"

L-agir tan-Nutara Busuttil u Pisani huwa l-meritu ta' kawza ohra li, quddiem din il-Qorti, dejjem tmexxiet ma' din il-kawza u ma' kawza ohra peress li t-tliet kawzi huma konnessi. Ghalhekk, filwaqt li din il-Qorti kellha mpressjoni zbaljata li r-rikorrenti ma segwewx it-tieni premessa permezz ta' talba appozita, jidher car li sfuggielha l-fatt li t-talba dwar it-tieni premessa msemmija minnha f'pagni 9 u 10 tas-sentenza attakkata kienet tifforma l-meritu ta' kawza ohra pendenti quddiemha stess u li kienet miexja ma' din il-kawza. Dan huwa zball fundamentali li certament wahdu jikkonduci ghat-thassir tas-sentenza ta' l-appell in diskussjoni. Mhux hekk biss. Meta giet iffirmata l-iskrittura privata mpunjata tad-19 ta' Novembru, 1992, a fol. 14 tal-process, saru zewg originali, hawn taht imsejjha "l-ewwel original" u "it-tieni original" – ta' l-ewwel kien ghand Dr. Carmelo Galea filwaqt li ta' l-ahhar kien ghand Dr. Alfred Grech. **Ir-rikorrent recentement skopra illi wara illi l-ewwel originali (dak li kien ghand Dr. Carmelo Galea) gie mill-istess Dr. Carmelo Galea esibit f'kawza ohra, t-tieni original (dak li kien ghand il-konsulent legali tieghu Dr. Alfred Grech) spicca f'idejn l-imsemmija zewg nutara u ntuza biex jigi transuntat u sussegwentement l-att jigi nsinwat. Dan ifisser illi, ad insaputa tar-rikorrenti u <u>kontra l-interessi ta' l-istess</u>, Dr. Alfred Grech kien ghadda l-kopja tieghu lin-Nutara nkarigati mill-kontro-parti sabiex l-iskrittura privata setghet tigi transuntata u sussegwentement l-att pubbliku jigi wkoll insinwat fir-Registru Pubbliku!**

L-iskop li ghalih skrittura privata tigi transuntata huwa ghall-konservazzjoni taghha u biex tigi konsagrata fil-livell ta' att pubbliku. Fil-kaz prezenti, dan sar b'malafede. Dan kollu sar bl-ghajnuna ta' Dr. Alfred Grech minghajr il-kunsens tar-rikorrent. Naturalment permezz ta' att pubbliku bhal dak, Mariano Vella seta' jikseb self minn Bank, seta' jaghti garanzija, ecc. Xejn minn dan ma kien ikun possibbli kieku Dr. Alfred Grech ma tax it-tieni original li kien fil-pussess tieghu lin-Nutara Busuttil u Pisani biex jittransuntaw l-iskrittura privata u sussegwentement jinsinwaw l-att fir-Registru Pubbliku. F'dawn ic-cirkostanzi, ir-rikorrent jistaqsi: m'huwiex kredibbli r-rikorrent meta jghid li huwa safa mqarraq? L-iskrittura privata ma baqghetx privata u ghaddiet fid-dominju pubbliku bl-ghajnuna tal-konsulent legali tar-rikorrenti.

Nirritornaw ghas-sentenza li qed tigi attakkata. Ir-rikorrent ma jafx jaqra u jikteb. Dan xehdu bil-gurament. Dak kollu li jirrizulta mix-xiehda jikkwalifika bhala "prova" u jghodd mal-provi kollha l-ohra quddiem ghajnejn il-Qorti meta din tigi biex tiddelibera u tiddeciedi. Ix-xiehda tar-rikorrent illi huwa ma jafx jaqra u jikteb kienet tikkwalifika bhala "prova". Huwa din il-prova ghamilha. Kien jispetta allura lill-konvenut li jressaq il-prova kuntrarja. Ghalhekk sewwa ntqal mir-rikorrenti illi l-konvenut ma ressaq l-ebda prova li l-attur Savio Spiteri jaf jikteb u jaqra, i.e. biex jirribatti l-prova li kienet saret bix-xiehda ta' l-attur innifsu illi hu ma jafx jikteb u jaqra. Izda din il-Qorti zvalutat dan kollu, li tant ghandu rilevanza ghall-kwistjoni dwar li kien hemm fatt stabbilit pozittivament, li, kemm f'mohh din il-Qorti kif ukoll fis-sentenza taghha, gie eskluz. Infatti hija qalet (skorrettement):

"*L-appellanti stranament fil-kors ta' l-appell taghhom jilmentaw li l-konvenut appellat ma ressaq l-ebda prova li l-attur, Savio Spiteri, ma jafx jikteb u jaqra. Konvenjentement jinjoraw il-fatt illi kienu huma li qeghdin jallegaw dan il-fatt, u konsegwentement, kienu huma li kellhom jipproducu l-prova tieghu.*"

In verita`, ir-rikorrenti qalu li l-konvenut appellat ma ressaq l-ebda prova li l-attur, Savio Spiteri, kien jaf jikteb u jaqra. Fir-realta`, il-prova kuntrarja kellha tingieb mill-konvenut appellat. Dan ukoll huwa zball fundamentali li wahdu jikkonduci ghat-thassir tas-sentenza ta' l-appell in diskussjoni.

Jirrizulta wkoll mid-Dokument DS1, jigifieri, l-iskrittura privata datata 7 ta' Frar, 1991, (sena qabel l-iskrittura privata meritu tal-kawza) illi Mariano Vella kkonceda b'titolu ta' lokazzjoni lill-attur Savio Spiteri u lil Anthony Vella (iben Mariano Vella stess) il-kumpless kummercjali 'de quo' bil-kera ta' Lm100 fis-sena.

Issa, il-fatt pozittivament stabbilit, cioe` li "*s-soluzzjoni nstabet billi Savio Spiteri jixtri s-sehem ta' Anthony Vella fil-kumpanija*" huwa ntimament marbut mal-fatt li s-socjeta` attrici Gourmet Company Limited kellha kirja <u>assigurata</u> b'Lm100 biss fis-sena. Mid-dokument DS2 esebit mac-citazzjoni jirrizulta li r-rikorrent Savio Spiteri flimkien ma' Anthony Vella assenjaw id-dritt ta' lokazzjoni u l-inkwilinat taghhom ghal perijodu ta' hdax-il sena lis-socjeta` rikorrenti Gourmet Company Limited (kumpanija eskluzivament tieghu). Ghalhekk il-kirja ta' Lm100 tal-kumpless kummercjali in kwistjoni kienet <u>diga` assigurata</u>. Allura, x'kellu ghalfejn ir-rikorrent jidhol f'kirja ohra ta' Lm4,000 fis-sena? Liema persuna ragonevoli tagixxi hekk? Ir-rikorrent mhuwiex xi principjant fin-negozju. Izda, ghalkemm mhux principjant fin-negozju, ma jafx jikteb u jaqra, u, bl-izvolta li hadu c-cirkostanzi, fosthom l-agir tal-konsulent legali tieghu, dan il-fatt kien fatali ghalih. Dak li rrendieh "bersal facli" ma kienx li hu kien principjant fil-kummerc, izda l-inkapacita` tieghu li jikteb u jaqra u l-agir – kif jirrizulta mill-atti tal-kawza – tal-konsulent legali tieghu. Il-kwistjoni <u>mhijiex</u> illi Savio Spiteri ma ffirmax volontarjament. Il-kwistjoni hi dwar li huwa gie imqarraq jew indott fl-izball dwar il-kontenut ta' l-iskrittura.

Din il-Qorti fis-sentenza taghha tad-19 ta' Novembru, 2001, qalet illi "*Min, bhall-appellanti, jallega l-kontra u jadduci proprju l-vizzju tal-kunsens kontrattwali bazat fuq xi wiehed mill-elementi li l-ligi stess tindika bhala raguni*

*valida biex jigi vizzjat tali kunsens, kellu biex jirnexxi fl-azzjoni, jipproduci provi univoci, konkluzivi, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu. Dan certament l-appellanti ma ghamluhx*." Dan il-pronunzjament huwa bbazat fuq ir-regola tal-procedura civili illi min jallega xi fatt ghandu fuqu l-piz li jippruvah. Qalet ukoll din il-Qorti illi "*l-allegata njoranza pretiza mill-atturi ma kienet bl-ebda suffragata mill-fatti. La kienet tirrizulta mic-cirkostanzi meta gie effettivament iffirmat il-ftehim impunjat, u lanqas seta' jigi dedott mic-cirkostanzi li sehhew wara, fosthom mill-fatti indiskuss u provat illi l-istess appellanti mhux biss irrikonoxxew l-awment miftiehem b'dik l-iskrittura, imma wkoll u aktar, effettivament ghamlu diversi pagamenti ta' l-istess*."

Ghalhekk, forsi wiehed jigih id-dubbju dwar il-kwistjoni ta' l-Lm4,000 fis-sena u jirraguna kif ghamlet din il-Qorti u anke l-ewwel Qorti: "*il-Qorti difficli tifhem u taccetta illi persuna tohrog pagamenti ta' erbat elef lira (Lm4,000) f'erba' okkazzjonijiet differenti minghajr ma jkun jaf ta' xhiex qed johrog dawk il-flus*." Dan huwa korrett in parti biss. Ir-rikorrent veru kien qed johrog Lm4,000 u jhallas dawn l-Lm4,000 f'erba' okkazzjonijiet differenti, **izda l-intenzjoni tieghu kienet, u l-intendiment ma' Dr. Alfred Grech kien, illi huwa jixtri s-sehem ta' Anthony Vella fil-kumpanija u jassumi d-dejn kollu hu, u li b'dawn Lm4,000 fis-sena hu kien minghalih qed jaqta' proprju dawn!** Ghaldaqstant, il-kwistjoni dwar jekk l-iskrittura privata tad-19 ta' Settembru, 1992 a fol. 14 tal-process kienitx "xejn hlief kuntratt ta' kiri bejn Mariano Vella u s-socjeta` Gourmet Company Limited" hija fundamentali ghall-kawza.

Ghandu jigi notat illi l-paragrafi 1, 2 u 3 fit-tieni pagna ta' l-iskrittura privata (fol. 15) hawn fuq citati juru illi Savio Spiteri assuma d-dejn kollu fuq spallejh u dan ma kkontestahx. Ikkontesta l-kirja li saret ad insaputa tieghu meta kellu kirja favur tieghu fis-sehh.

Issa s-sentenza li qed tigi attakkata fiha disposizzjonijiet kontra xulxin (Art. 811(i) tal-Kap. 12) in kwantu f'pagna 13 tirritjeni li l-qofol tal-kitba a fol. 14 tal-process "*ma hu xejn*

*hlief kuntratt ta' kiri,*" filwaqt li f'pagna 13 tirritjeni li l-ftehim ta' lokazzjoni f'din l-iskrittura privata kien biss "*parti*" minnha. Meta dan jitqies fid-dawl ta' l-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti illi "*Is-soluzzjoni nstabet billi Savio Spiteri jixtri s-sehem ta' Anthony Vella fil-kumpanija*", ix-xiehda tar-rikorrenti illi huwa safa mqarraq tassumi piz tali li jissodisfa r-regola ta' procedura civili illi min jallega xi fatt ghandu l-piz li jipprovah. Is-soluzzjoni ma kienitx fis-sostituzzjoni bla sens ta' kirja b'kera ta' Lm100 fis-sena ghal kirja b'kera ta' Lm4,000 fis-sena.

Ghalhekk, filwaqt, li Savio Spiteri kien qed jixtri s-sehem ta' Anthony Vella, fatt pozittivament stabbilit, il-proprjeta` immobiljari meritu tan-negozju ta' bejniethom kienet tappartjeni lil Mariano Vella u allura r-rikorrent ritrattand ma ra xejn stramb fil-fatt li huwa ta Lm4,000 lill-avukat tieghu f'erba' okkazzjonijiet sabiex jithallsu lil Mariano Vella, proprju ghaliex kien jaf li l-proprjeta` immobiljari kienet ta' l-imsemmi Mariano Vella u mhux ta' ibnu Anthony.

M'hemmx raguni wahda logika, plawsibbli u konvincenti ghala persuna jew socjeta` li diga` ghandha kirja favur taghha fis-sehh versu kera ta' Lm100 fis-sena, tidhol f'kirja gdida b'kera ta' Lm4,000 fis-sena. Gie stabbilit illi l-partijiet zammew fis-sehh l-ewwel skrittura privata tas-7 ta' Frar, 1991, u dan il-fatt huwa ferm elokwenti, ghaliex b'din l-iskrittura (Dok. DS1) Mariano Vella kkonceda b'lokazzjoni lil Savio Spiteri u lil ibnu stess Anthony Vella l-kumpless kummercjali 'de quo', liema titolu ta' lokazzjoni u inkwilinata gew fl-istess jum tas-7 ta' Frar, 1991, assenjati mill-istess Savior Spiteri u Anthony lis-socjeta` Gourmet Company Limited (socjeta` eskluzivament ikkontrollata minn Savio Spiteri) permezz ta' skrittura privata Dok. DS2.

Hemm kontradizzjoni palesi fl-imgieba ta' Mariano Vella illi wara li ghamel din il-koncessjoni b'titolu ta' lokazzjoni – li ma gietx imhassra – ghamel koncessjoni b'titolu ta' lokazzjoni fl-istess waqt u hin permezz ta' l-iskrittura privata tad-19 ta' Settembru, 1992. Din l-imgieba hija wahda frawdolenti in kwantu huwa ma setax jerga' jikri l-

kumpless kummercjali ghat-tieni darba matul l-ewwel koncessjoni. Ta’ min ifakkar illi fl-ewwel pagna ta’ l-iskrittura privata a fol. 14 jinghad espressament:

“*Bis-sahha tal-prezenti, il-partijiet kollha qeghin jaghmlu riferenza ghaz-zewg skrittura illi saru fis-sebgha (7) ta’ Frar, elf disa’ mija wiehed u disghin (1991), cioe` dik bejn Marjanu Vella min-naha ’l wahda u Anthony Vella u Savio Spiteri min-naha l-ohra; u t-tieni wahda bejn Anthony Vella u Savio Spiteri min-naha ’l wahda u l-kumpanija “Gourmet Co. Ltd.” min-naha l-ohra rigwardanti l-kiri tal-kumpless kummercjali maghruf bhala “Gourmet Bar & Restaurant”, Marina Street, Xlendi, u l-istore numru tmienja (8) Rabat Road, Xlendi”.*
B’hekk il-kirja precedenti giet implicitament ikkonfermata. Dan ikompli juri l-ghemil frawdolenti tal-konvenut. Ghalhekk, l-izball ta’ din il-Qorti jidher b’mod palesi.

Fl-aghar ipotezi ghar-rikorrenti u fl-ahjar ipotezi ghal Dr. Alfred Grech, dak li gara kien ir-rizultat ta’ zball genwin da parti tal-konsulent legali tar-rikorrent. Dan xorta wahda jaghti lok ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu li, a tenur ta’ l-Artikolu 811 tal-Kap. 12, is-sentenza tad-19 ta’ Novembru, 2001, fl-ismijiet premessi fi grad ta’ appell tigi mhassra u revokata u l-kawza deciza b’dik is-sentenza tigi ritrattata ghar-ragunijiet fuq imfissra, jigifieri, (1) billi fis-sentenza hemm disposizzjonijiet kontra xulxin – ART. 811(i) tal-Kap. 12; (2) billi s-sentenza kienet effett ta’ zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza b’dan illi d-decizjoni kienet ibbazata fuq is-supposizzjoni ta’ xi fatt li l-verita` tieghu hi bla dubju eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt li l-verita` tieghu hi stabbilita pozittivament – ART. 811(l) tal-Kap. 12; u li l-appell jigi ttrattat mill-gdid u l-kawza tigi mismugha mill-gdid fil-mertu sabiex fid-decizjoni li tinghata tilqa’ t-talbiet ta’ l-atturi.

**<u>IR-RISPOSTA TAL-KONVENUT GHAR-RIKORS TA’ RITRATTAZZJONI PREZENTAT MILL-ATTURI</u>**

4. Il-konvenut irrisponda hekk:

“Illi dan ir-rikors huwa totalment infondat fid-dritt u fil-fatt, u ghandu jigi michud bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.

“Infatti dan ir-rikors huwa bazat biss fuq hafna tghawwig tal-fatti, kwotazzjonijiet ta’ partijiet minn sentenzi kontenuti fis-sentenza mpunjata barra mill-kuntest taghhom bl-iskop u bl-intenzjoni illi lil dawn il-brani tinghata nterpretazzjoni, del resto imgebbda ghall-ahhar, li ma tirriflettix dak illi kienet qeghda tghid din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha, u sottomissjonijiet ta’ punti ta’ dritt illi jaghmlu ghajb lil min kitibhom. Effettivament, anke prima facie, jidher car illi ma hemm ebda applikazzjoni hazina tal-ligi, izda biss argument kamuffat b’mod sottili biex tintalab ritrattazzjoni meta l-ligi ma taghtihiex.

“Kif qalet din il-Qorti stess fil-kaz ‘**Vella vs Segretarju tad-Djar**’ (Kollezz. Vol. LXXX.2.298):

“‘L-istitut tar-ritrattazzjoni jinsab fil-ligi ttutelat mhux biex il-partijiet jottjenu d-dritt ta’ appell addizzjonali fejn il-ligi ma tippprevedhiex, izda biex ikun hemm rimedju meta jirrikorru wiehed jew aktar mic-cirkostanzi li hemm specifikament indikat fl-Artikolu 811 tal-Kap. 12.’

“‘Il-gurisprudenza taghna dejjem ghallmet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju, inkwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fundamentali li l-gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-gustizzja. Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massima res judicata pro veritae habetur. Minn dan titnissel il-konsegwenza logika li r-regoli li jirregolaw dan l-istitut tar-ritrattazzjoni huma ta’ interpretazzjoni, stressima. Diversament, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni, l-litigant sokkombent ikun jista’ jerga’ jiftah il-kawza u b’hekk, indirettament johloq ghalih tribunal tat-tielet istanza, haga li mhix permessa mil-ligi.’ (L-istess Qorti in re: **Bencini vs Zammit Pace** – Vol. LXXX.2.391 u **Causon vs Portelli** – Vol. LXXX.2.464).

“Fil-kaz odjern certament illi ma jikkonkorri ebda wiehed mill-elementi voluti mil-ligi sabiex ikun hemm lok ghar-ritrattazzjoni izda biss attentat meskin da parti ta’ l-atturi sabiex joholqu ghalihom tribunal tat-tielet istanza.

“Ir-rikorrenti jghidu illi hemm zball li jidher mill-atti, u illi fis-sentenza impunjata hemm disposizzjonijiet kontra xulxin. Pero` bir-rispett kollu dovut lejhom, imkien fir-rikors taghhom huma ma jelenkaw ezempju konkret wiehed ta’ xi tali zball jew disposizzjonijiet kontra xulxin. Ghall-kuntrarju r-rikors promotur huwa proprju kaz ta’ rikors ta’ appell pjuttost milli rikors illi jikkontjeni xi aggravju tat-tip necessarju sabiex iservi ta’ fundament ghal talba ghal ritrattazzjoni.

“Wiehed ma jridx jinsa dak illi qalet din il-Qorti fil-kaz ‘**Carmelo Busuttil vs Mary Gauci et**’ (LXXXI.ii.188) fis-sens illi:
“‘Is-subinciz 811(i) jippermetti smigh mill-gdid fil-kaz fejn “fis-sentenza ikun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin”. Din il-kontradizzjoni trid tirrizulta pero` **fid-dispozittiv tas-sentenza** u mhux fil-konsiderazzjonijiet, anke jekk dawn ta’ l-ahhar jistghu jkunu rilevanti biex jitfghu dawl u jidentifikaw tali kontradizzjoni.’

“‘U biex jista’ jinghad illi fl-istess gudikat ikun hemm disposizzjonijiet kontradittorji hemm bzonn illi dawk id-dispozizzjonijiet ikunu jiddistruggu lil xulxin, b’mod li ma jkunx jistghu jigu ezegwiti kollha. Meta, mbaghad, id-dispozizzjoni fis-sentenza hi “wahda”, ma jistax ikun hemm dispozizzjonijiet kuntrarji fl-istess sentenza.’ (‘**Camilleri vs Bezzina**.’ XLIII.1.264)

“Fil-kaz odjern ir-rikorrenti nfushom naqsu illi jindikaw x’dispozizzjojijet jezistu fid-dispozittiv tas-sentenza illi huma kontradittorji ghal xulxin. U lanqas seta’ jkun hemm tali kontradizzjoni galadarba in effetti s-sentenza qeghda biss tichad it-talbiet ta’ l-atturi bl-ispejjez kollha kontra taghhom!

“Fuq dan l-aggravju ghalhekk wiehed jista’ jieqaf hemm. L-intimat pero` jmur oltre u jissottometti illi fil-konsideranda

u motivazzjonijiet tas-sentenza mpunjata ma hemm xi dispozizzjonijiet jew konsiderazzjonijet kontradittorji ghal xulxin. Sabiex wiehed jifhem ir-ragunament ta' Qorti, wiehed irid jaqra s-sentenza kollha u jsegwiha b'mod logiku u mhux, bhal ma qed jaghmlu r-rikorrenti odjerni, jiccitaw brani zghar minn sentenzi shah, jiccitawhom barra mill-kuntest taghhom, u jippruvaw huma joholqu kontradizzjonijiet fejn kontradizzjonijiet ma hemmx.

"Nigu issa sabiex nikkunsidraw il-vantat 'zball' illi minnu qed jilmentaw ir-rikorrenti.

"Fl-ahhar sentenza hawn fuq citata, din l-Onorabbli Qorti kompliet tispjega illi 'l-Artikolu 811(I) jipprovdi ghal ritattrattazzjoni f'kaz li s-sentenza kienet effett ta' zball li jidher mill-atti. Pero` dan l-izball "jehtieg li jkun manifest u li jkun iddetermina d-decizjoni i.e. li s-sentenza vizzjata b'dak l-izball ma tistax tigi sanata minn xi ragunamenti ohra ndipendenti minn dik zbaljata" skond il-gurisprudenza.'

"Insibu wkoll sentenza ohra ta' din l-istess Qorti (**Vassallo vs Chetcuti** – LXXXI.ii.417) illi tghid:

"'Dan l-izball mhux biss ghandu jkun wiehed determinanti imma wkoll irid ikun zball dovut min-nuqqas ta' attenzjoni momentanja tal-gudikant li jonqos li japprezza l-fatti kif jirrizultaw fil-process quddiemu u jqishom b'mod zbaljat.'

"'Fl-ahharnett, biex ikun hemm lok ghar-ritrattazzjoni fuq il-moitiv illi s-sentenza mpunjata hi l-effett ta' zball rizultanti mill-atti jew dokumenti tal-kawza, jehtieg essenzjalment illi d-decizjoni tkun bazata fuq is-supposizzjoni ta' fatt li l-verita` tieghu tkun bla dubbju eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix fatt li l-verita` tieghu tkun stabbilita pozittivament; basta li fil-kaz wiehed u l-iehor il-fatt ma jkunx punt kontestat li jkun gie deciz fis-sentenza. U anke hawn ma ghandux ikun lecitu ghal min jitlob ir-ritrattazzjoni li jiddiskuti mill-gdid il-kwistjoni li giet trattata u deciza bis-sentenza mpunjata.' (**Morana vs Spiteri** – XLIV.1.133).

"Fil-kaz odjern, huwa car mill-korp tas-sentenza mpunjata illi dan il-fatt additat mir-ritrattandand bhala zball kien mhux biss ikkontestat waqt it-trattazzjoni imma kien gie wkoll deciz fis-sentenza mpunjata meta l-Qorti ghazlet li tiddeciedi l-mertu billi tikkunsidra illi l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-appellat kienet aktar kredibbli u attendibbli mill-verzjoni ta' l-atturi.

"Ghalhekk, anke jekk per mera ipotesi, wiehed kellu jsostni li l-interpretazzjoni u l-apprezzament li tat il-Qorti kienu zbaljati, xorta wahda l-istess gudizzji mhumiex censurabbli ghall-finijiet tar-ritrattazzjoni taht dan l-inciz billi l-istess gudizzji jappartjenu ghall-konvinciment insindakabbli tal-Qorti li esprimiethom. Biex zball jaghti lok ghal ritrattazzjoni hemm bzonn li dan ikun wiehed materjali. Billi l-argumentazzjoni kontenuta fis-sentenza tindika li kieku l-Qorti m'ghamlitx dak l-izball xorta wahda kienet tasal ghall-istess decizjoni, dak l-izball m'ghandux ir-rekwiziti essenzjali, skond il-ligi, sabiex fuqu tkun ibbazata r-ritrattazzjoni tal-kawza. (**Herrera vs Tabone** – Vol. LXXX.2.258).

"Huwa ghalhekk sottomess illi bhala punt ta' dritt, il-varji hemm imsejha 'zbalji' lamentati mir-rikorrenti, anke jekk per ipotesi jissussistu ma jistghu qatt jaghtu lok ghal ritrattazzjoni tas-sentenza mpunjata.

"Jekk imbaghad wiehed jezamina d-diversi lamenteli ta' l-atturi dwar 'zbalji' fis-sentenza mpunjata jsib illi in effetti l-Qorti kienet korretta ghal kollox fl-apprezzament u valutazzjoni taghha:

a. huwa fatt innegabbli illi l-atturi f'din il-kawza qed jitolbu dikjarazzjoni illi l-iskrittura ta' Settembru, 1992, hija nulla u minghajr ebda effett. L-uniku punt illi kellu jigi deciz mill-Qorti ghalhekk huwa jekk tezistix tali nullita` o meno. Il-fatt illi sussegwentement dik l-iskrittura giet transuntata, bil-kunsens u fuq struzzjonijiet tal-partijiet jew le, huwa ghalhekk totalment irrilevanti.

b. Huwa wkoll irrilevanti, ghad-decizjoni ta' dan il-punt illi fi proceduri ohra l-atturi qed jintavolaw rimedji ohra.

c. L-atturi jittentaw iqabbdu difrejhom mal-frazi uzata mill-Qorti fis-sentenza mpunjata illi l-qofol ta' l-iskrittura in kwistjoni ma hu xejn hlief kuntratt ta' kiri. Bir-rispett kollu lejn l-atturi, hawnhekk huma qeghdin jippruvaw jghattu x-xemx bl-gharbiel. Fis-sentenza taghha l-Qorti wriet illi kienet konxja mid-'diversi passaggi' ta' l-iskrittura ntiera; kienet konxja mill-fatt illi n-negozju kontrattat bejn il-kontendenti f'dik l-iskrittura kien wiehed li jinvolvi diversi partijiet, u konxja wkoll mill-fatt illi dawn id-diversi partijiet mill-iskrittura ntiera wasslu ghall-qofol ta' kuntratt ta' kiri gdid. Ma huwiex lecitu, u jammonta ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti illi wiehed jipprova b'dan il-mod l-aktar sfaccat jiddipartixxi mill-ezami korrett u logiku mwettaq minn gudikant u jipprova jirridikola l-gudizzju.

d. L-ilment dwar l-apprezzament tal-fatti jista' forsi jkun f'loku f'rikors ta' appell imma certament mhux f'rikors ta' ritrattazzjoni. Dawn il-punti kollha gew dibattuti u diskussi fil-gudizzju originali, u gew moghtija d-debita valutazzjoni mill-Qorti fis-sentenza mpunjata. A bazi tal-principji elenkati fuq ghalhekk, dawn – anke jekk per ipotesi jistghu xi darba kienu validi – ma jistghu qatt iservu ta' bazi ghal ritrattazzjoni

"Ghar-ragunijiet fuq premessi, ir-ritrattat jissottometti illi r-rikors ghal ritrattazzjoni ghandu jigi michud bl-ispejjez kollha kontra r-ritrattandi."

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

5. Din il-Qorti tibda billi tirrileva li mhux il-kaz hawn li jigi riportat ghal darb'ohra <u>in toto</u> x'wassal lir-rikorrenti ritrattandi biex jistitwixxu din il-procedura ta' ritrattazzjoni ghas-semplici raguni li fil-parti preliminarja tal-korp ta' dan il-gudikat jinghad sufficjentement dak kollu li huwa utili biex tigi mifhuma sew x'inhija l-bazi ta' l-azzjoni ntentata ghal fini ta' ritrattazzjoni.

Jinghad biss li bhala bazi legali r-ritrattandi jadducu zewg ragunijiet, wahda msejsa fuq is-sub-artikolu (i) ta' l-Artikolu 811 tal-Kap. 12, u l-ohra fuq is-sub-artikolu (l) ta' l-istess artikolu.

Billi r-ritrattandi ghazlu li fl-ewwel lok jelaboraw maggorment dwar l-ahhar sub-artikolu mit-tnejn fuq imsemmija, din il-Qorti, ghal fini ta' praticita`, sejra ssegwi l-istess ordni. Jizdied jinghad ukoll li d-decizjoni li taghha r-ritrattandi qeghdin jitolbu li ssir ritrattazzjoni hija dik li nghatat mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "Gourmet Company Limited u Domenico Savio sive Savio Spiteri –vs– Mariano Vella (Citaz. 127/97), deciza fid-19 ta' Novembru, 2001.

A. Dwar l-aggravju msejjes fuq l-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 igifieri:

**"Jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.**

**Ghall-finijet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-suppozizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-suppozizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz-il wiehed u l-iehor, <u>il-fatt ma jkunx punt kkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza</u>."** (Sottolinear tal-Qorti)

6. Din il-Qorti tibda biex tirrileva li hija ssottolinejat l-ahhar parti tas-sub-artikolu (l) ta' l-Artikolu 811 ghar-raguni li l-parti ritrattanda, forsi bi zvista jew ghal xi raguni ohra li tafha hi, ghazlet li <u>ma tirriproducihiex</u> fil-kors tar-rikors promotorju elaborat li hija pprezentat – hekk ara t-tielet paragrafu a fol. 320 tal-process, fol. 2 tar-rikors. Bilkemm ghandu jinghad li dan il-proviso li gie hekk issottolinejat ghandu mportanza massima fid-determinazzjoni ta' proceduri bhax-xorta in ezami taht dan is-sub-artikolu.

7. Skond ir-ritrattandi, fis-sentenza mpunjata ntqal illi l-qofol ta' l-iskrittura li saret fid-19 ta' Settembru, 1992, bejn Mariano Vella u s-socjeta` Gourmet Company Limited "ma hu xejn hlief kuntratt ta' kiri". Gara, ghalhekk, li l-Qorti bbazat id-decizjoni taghha esklusivament fuq il-lokazzjoni u fuq is-supposizzjoni li ma kienx jezisti xi fatt iehor ippruvat pozittivament, "meta invece kien hemm fatt ippruvat, u cioe` illi b'dik l-iskrittura tad-19 ta' Settembru, 1992, Savio Spiteri kien qed jixtri s-sehem ta' Anthony Vella fil-kumpanija bil-patt illi l-imsemmi Anthony Vella jitrasferixxi sehem wiehed lir-Reverendu Renato Valente". Tul ir-rikors promotorju, ir-ritrattandi jelaboraw estensivament dwar il-konsegwenzi ta' dan "l-izball". Jissottomettu li r-ritrattand Spiteri kien gie ndott fi zball bl-iffirmar ta' l-imsemmija skrittura billi wkoll diga` kien hemm lokazzjoni vigenti favur il-kumpanija b'kera ferm anqas u "zball" iehor kien jirreferi ghall-fatt li huma kellhom okkazzjoni li jippremettu fi procedura gudizzjarja ohra li l-iskrittura surreferita kienet giet transuntata u nsinwata minn zewg nutara izda li dan l-operat kien sar minghajr l-awtorizzazzjoni taghhom. Fis-sentenza mpunjata, il-Qorti ta' l-Appell kienet ikkummentat li tali premessa ma kienitx koperata fit-talba unika dedotta fl-att tac-citazzjoni, kif ukoll billi rriteniet li f'kull kaz dan kollu kien jinvolvi l-operat ta' terzi li ma kienux parti fil-kawza. Skond ir-ritrattandi, lill-Qorti kwindi kien sfuggielha l-fatt li tali premessa kienet tifforma l-meritu ta' kawza ohra li kien hemm pendenti quddiemha u li kienet miexja mal-kawza in ezami. Il-kumment tal-Qorti li Domenico Savio Spiteri ma ppruvax li kien bniedem illitterat kien wiehed zbaljat il- ghaliex jirrizulta li Spiteri kien ikkonferma dan il-fatt bil-gurament u prova kuntrarja dwaru ma saritx mill-parti avversarja.

8. "*Di diritto*" tajjeb li jinghad li taht dan is-subinciz in ezami dawn il-Qrati – hekk ara, fost hafna ohrajn, is-sentenza moghtija in re: "Gaetano Mifsud vs. Geatano Zahra", Appell Civili, deciz fit-18 ta' Gunju, 1954 u "Robert Yates noe vs. Anthony sive Tony Aquilina" deciza fis-16 ta' Frar, 2004, Qorti ta' l-Appell – dejjem segwew dak li jghallem il-Mattirolo li <u>l-izball irid ikun zball materjali ta' fatt u mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni</u>, jigifieri li,

"secondo questa disposizione l'errore che puo` costituire motivo di ritrattazzione deve essere un errore materiale di dfatto e non un errore di criterio e di interpretazione"
(ara wkoll sentenza in re: "Gauci vs. Fenech", Koll. Vol. XXIV – I – 609; u Koll. Vol. XXV – I – 137)

Fit-tieni lok, irid ikun zball li jkun jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza, liema zball irid ikun wiehed manifest. Fit-tielet lok, mhux kull zball ghandu jwassal necessarjament ghall-possibilita` ta' ritrattazzjoni ghax tali zball jehtieg li jkun wkoll iddetermina d-decizjoni tal-gudikant, jigifieri li l-istess zball ikun ikkostitwixxa l-fundament ewlieni tas-sentenza. Ghalhekk, isewgi li ma jkunx hemm verament lok ghar-revoka tas-sentenza jekk din, ghalkemm possibilment vizzjata minn xi zball ta' fatt manifest, tkun tista' tigi xorta wahda sorretta b'ragunijiet ohra ndipendenti minn dik li tkun zbaljata. Fir-raba' u l-ahhar lok l-ezistenza o meno ta' fatt li fih manifestament ikun zbaljat il-gudikant ma jridx ikun punt ta' kontroversja, jigifieri punt kontradett u dibattut bejn il-partijiet li fuqu s-sentenza tkun ippronunzjat.

9. Kif jidher mis-suespost, u dan li ser jinghad japplika ghall-procedura kollha ta' ritrattazzjoni, il-ligi u d-dottrina legali in materja hija wahda ta' applikazzjoni ristretta hafna u ta' indole eccezzjonali. Fil-fatt, kif tajjeb jinghad in re: "Dr. A Bencini noe –vs– Dr. R. Zammit Pace noe", Qorti ta' l-Appell, 20 ta' Frar, 1996, illi,
"Il-gurisprudenza taghna dejjem ghallmet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju, inkwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fundamentali li l-gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-gustizzja. Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massima res judicata pro veritate habetur."

Diversament, tinholoq sitwazzjoni ta' ncertezza b'litigji gudizzjarji minghajr fini. F'dan il-kuntest, tista' anzi ssir referenza ghas-sentenza riportata fil-Kollezzjoni Vol.

XXV – I – 137 fejn gie affermat li r-rimedju tar-ritrattazzjoni,
“non si da per qualunque caso di vera o supposta ingiustizia, di vero o supposto errore di fatto o di diritto, ma solo in quei casi tassattivamente stabbiliti dalla legge dovendo in ogni altro caso prevalere la stabbilita` del giudicato che sola puo` mettere fine alle liti, poiche` l’autorita` della cosa giudicata importa grandemente alla sicurezza civile.”

10. Maghdud is-suespost, din il-Qorti giet adita biex tezamina jekk il-fatti li sar accenn ghalihom mir-ritrattandi jikkwandrawx ruhhom jew le fil-parametri tal-ligi kif fuq citata.

Minn ezami tas-sentenza mpunjata u ta’ l-iskrittura maghmulha bejn il-partijiet fid-19 ta’ Settembru, 1992, ghandu jirrizulta lampantement li l-Qorti ta’ l-Appell gharblet b’mod elaborat u approfondit kemm l-iskrittura tad-19 ta’ Settembru, 1992, kif ukoll ic-cirkostanzi kollha konkomitanti u ancillari li waslu biex din tigi ffirmata. Bhalma kellha okkazzjoni taghmel il-Qorti ta’ l-ewwel grad, il-Qorti ta’ l-Appell ezaminat pass pass kull stadju li wassal ghall-iffirmar taghha u gharblet kull parti tal-kontenut taghha. Ir-ritrattandi ghandhom kull dritt li jibqghu ma jaqblux mal-mod kif il-Qorti ta’ l-Appell <u>interpretat</u> dak kollu li jemergi mill-provi u mill-kontenut ta’ l-iskrittura izda dan certament ma jammontax ghal dak ix-xorta ta’ zball li huwa rikjest mil-ligi ghal fini ta’ ritrattazzjoni. Wara kollox jekk imbaghad dik il-Qorti <u>volutament</u> dehrilha li ma kellhiex taghti daqstant piz fuq certi provi li gew prodotti billi fil-fehma taghha dawn ma kienux daqstant relevanti u determinanti ghall-kaz li kellha quddiemha u kwindi taghthom il-genb anki dan ma jikkostitwixxix per se` “zball” fit-termini tal-ligi.

11. Il-frazi li r-ritrattandi tant oggezzjonaw ghaliha mis-sentenza mpunjata hija parti minn paragrafu usa li jghid hekk,
“Din il-Qorti ma tistax ma tinnotax li l-iskrittura tad-19 ta’ Settembru, 1997 (<u>recte</u> 1992) tghaddi in rassenja d-diversi

passaggi tan-negozju li kellhom bejniethom il-kontendenti, u d-diversi pendenzi u kwistjonijiet biex fl-ahhar waslu ghall-iskrittura li, effettivament, hi mahsuba biex tillikwida dawk il-pendenzi u vertenzi, sal-punt li jwasslu ghall-qofol ta' l-iskrittura, li ma hu xejn hlief kuntratt ta' kiri bejn Mariano Vella u s-socjeta` Gourmet Company Limited, taht pattijiet u kondizzjonijiet cari, bonarjament konvenuti." (Sottolinear tal-Qorti)

Pero`, apparti l-fatt li hawn si tratta ta' mera interpretazzjoni da parti tal-Qorti, il-Qorti ta' l-Appell ma waqfitx hawn imma aktar 'il quddiem kompliet telabora hekk,
"D'altronde l-iskrittura mpunjata fil-parti taghha illi tinkorpora l-ftehim ta' lokazzjoni, kienet wahda ghal kollox cara, univoka ….."(Sottolinear tal-Qorti).

Fi kliem iehor din l-iskrittura, skond il-Qorti ta' l-Appell, kienet tinkorpora lokazzjoni li saret bejn Mariano Vella u Gourmet Company Limited kif ukoll qbil bejn Domenico Savio Spiteri u Anthony Vella biex dan ta' l-ewwel jixtri sehem Vella fl-istess socjeta`.

12. Isewgi, ghalhekk, illi l-Qorti ma jidhirx li ghamlet xi zball – hija kienet konxja li din l-iskrittura kienet tinkorpora qbil fejn wahda mill-partijiet kienet qed tbiegh sehemha lil ohra, biex b'hekk jigu rizolti l-kwistjonijiet li kien hemm bejniethom, izda ezaminat il-lokazzjoni fid-dettal peress li t-talba ta' l-atturi kienet tikkoncerna l-lokazzjoni.

Fir-rigward tas-sottomissjonijiet tar-ritrattandi illi l-Qorti ma rrealizzatx li l-ilment taghhom li l-att kien gie transuntat minghajr il-kunsens taghhom, kien jifforma l-mertu ta' kawza ohra pendenti quddiem l-istess Qorti u li kienet miexja ma' din il-kawza, jinghad li tali zball bl-ebda mod ma iddetermina d-decizjoni tal-Qorti. L-istess jinghad ghall-kwistjoni li tikkoncerna l-kumment tal-Qorti li r-rikorrenti naqsu li jippruvaw l-allegazzjoni taghhom li Savio Spiteri ma jafx jaqra u jikteb. Il-Qorti ma wasslitx ghad-decizjoni taghha a bazi ta' dan l-izball izda hija stess ikkummentat illi dan kien –

"Fatt li, fl-ahhar mill-ahhar, konsiderati c-cirkostanzi li fihom gie konkluz in-negozju riportat fl-iskrittura impunjata, hu wkoll irrilevanti ghall-fini tal-validita` tal-kunsens. Dan ghaliex hu provat b'mod konkluziv, u f'dan din il-Qorti taqbel ma' dak li esprimiet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, illi l-appellant Savio Spiteri, jaf jew ma jafx jikteb u jaqra, iffirma l-iskrittura volontarjament wara li z-zewg avukati, inkluz allura l-konsulent legali ta' allura tieghu kienu qraw il-ftehim, paragrafu b'paragrafu, u spjegawh lill-kontraenti."

Fi kliem iehor, hawn ukoll bazikament si trattava ta' punt ta' kontroversja bejn il-partijiet li dwaru l-Qorti ta' l-Appell tat id-decizjoni taghha.

13. Fl-istess rikors promotorju r-ritrattandi jikkummentaw li hemm zball iehor li jallaccja ma' din il-kwistjoni, u li jista' jwassal ukoll ghat-thassir tas-sentenza. Ir-ritrattandi jghidu li huma ppremettew illi l-istess skrittura kienet giet transuntata u insinwata minn zewg nutara u li dan sar minghajr l-awtorizzazzjoni taghhom. Anke dwar dan il-punt, ghandu jirrizulta li l-Qorti ta' l-Appell ikkummentat specifikament fis-sens li dan ma kienx kopert bit-talba unika dedotta fic-citazzjoni u li f'kull kaz dan kien jinvolvi l-operat ta' terzi li mhumiex parti fil-kawza odjerna. Fi kliem iehor, il-Qorti ta' l-Appell kienet ben konxja dwar dak li kienet qeghda tiddelibera u finalment tiddeciedi.

Din il-Qorti gharblet is-sentenza mpunjata u ma taqbilx mar-ritrattandi li l-Qorti ta' l-Appell sfuggielha dak li huma ghamlu accenn ghalih.

14. Ir-ritrattandi issottomettew wkoll li l-Qorti ta' l-Appell zbaljat meta qalet li huma kienu allegaw li Savio Spiteri ma kienx jaf jaqra u jikteb u li huma naqsu li jippruvaw tali allegazzjoni. Jissottomettu li Savio sive Domenico Savio Spiteri kien xehed dan kollu bil-gurament u li allura kien imbaghad jispetta ghall-konvenuti li jirribattu dak illi xehed Spiteri billi jressqu l-prova kuntrarja.
Qari sew tas-sentenza impunjata ma jwassalx ghal tali konkluzjoni bhal dik raggunta mir-ritrattandi – li f'kull kaz

tibqa’ fl-ambitu ta’ mera interpretazzjoni – imma tammonta ghal kostatazzjoni li l-asserzjoni ta’ Domenico Savio Spiteri ma kienitx wahda kredibbli. Frankament, din il-Qorti ghandha d-dubji taghha jekk ir-ritrattandi, jew ahjar min assistihom legalment biex jimmotivaw ir-rikors promotorju, qarax sew is-sentenza li dwarha ntalab li tigi ritrattata. Dan qed jinghad ghax dwar dan il-punt il-Qorti ta’ l-Appell, fost diversi konsiderazzjonjiet ohra in propozitu, elaborat hekk,
“Ix-xorta u n-natura ta’ l-iskrittura turi nfatti li l-appellant Savio Spiteri kellu konoxxenza sewwa tan-negozju li fih kien involut. Ma setax certament jivvanta ingenwita` jew injoranza. Lanqas seta’ jilmenta li gie ingannat ghal xi soluzzjoni li huwa dak il-hin ma xtaqx.”

Dan kollu mbaghad irid jigi allaccjat ma’ dak li l-istess Qorti kienet gia` qalet in precedenza, jigifieri
“(Dan ghaliex) hu provat b’mod konkluziv, u f’dan din il-Qorti taqbel ma’ dak li esprimiet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, illi l-appellant Savio Spiteri, jaf jew ma jafx jikteb u jaqra, iffirma l-iskrittura volontarjament wara li z-zewg avukati, inkluz allura l-konsulent legali ta’ allura tieghu, kienu qraw il-ftehim, paragrafu b’paragrafu, u spjegawh lill-kontraenti.”

Kull kumment iehor ghalhekk ikun superfluwu u ta’ xejn kwindi li r-ritrattandi joqghodu jillamentaw (ara t-tieni paragrafu ta’ fol. 8 tar-rikors promotorju, a fol. 326 tal-process) li,

“Fl-aghar ipotesi ghall-esponenti u fl-ahjar ipotesi ghal Dr. Alfred Grech, dak li gara kien ir-rizultat ta’ zball genwin da parti tal-konsulent legali ta’ l-esponenti. Dan xorta wahda jaghti lok ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici.”

Asserzjonijiet ta’ din ix-xorta juru nuqqas ta’ serjeta` professjonali li ftit li xejn jaghmlu unur lil min eskogitahom.

L-aggravji taht is-subartikolu (l) ta’ l-Art. 811 tal-Kap. 12 ghalhekk huma infondati u qeghdin jigu respinti.

<u>B.</u> Dwar l-aggravju msejjes fuq l-Artikolu 811 (i) tal-Kap 12: "Jekk fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin."

15. Ir-ritrattandi jilmentaw ukoll li s-sentenza impunjata fiha disposizzjonjiet kontra xulxin. Fl-istess waqt li l-gudikat jghid li l-qofol ta' l-iskrittura "ma hu xejn hlief kuntratt ta' kiri" jinghad ukoll li l-ftehim ta' lokazzjoni f'din l-iskrittura privata kien biss "parti" minnha. In sostenn, ir-ritrattandi jergghu jirreferu ghall-fatti li jemergu mill-provi u mill-gdid jippruvaw jifthu l-kamp rizervat ghall-istadju ta' trattazzjoni.

16. Dwar dan it-tieni aggravju din il-Qorti ma ghandhiex wisq xi tghid ghaliex, kif "del resto" wiegbet il-kontroparti ritrattata, il-kontradizzjoni li tissemma' fil-ligi <u>trid tirrizulta fid-dispozittiv tas-sentenza u mhux fil-konsiderazzjonijiet</u>, anke jekk dawn ta' l-ahhar jistghu jkunu relevanti biex jitfghu dawl u jidentifikaw tali kontradizzjoni. Fid-decizjoni **Carmelo Busuttil vs Mary armla minn Joseph Gauci et** (appell civili, 24 ta' Jannar, 1997) il-Qorti spjegat li -
"Il-kontradizzjoni trid tkun tax-xorta li tippregudika l-ezekuzzjoni tas-sentenza in kwantu toffuska d-decizjoni tal-Qorti. Hu proprju ghalhekk li kien gie ritenut illi dan is-subinciz ma setax ikollu applikazzjoni fejn is-sentenza kienet tikkontjeni dispozittiv wiehed.

""Per dirsi che un medesimo giudicato racchiude disposizioni contrarie e` mestieri che le disposizioni si distruggono reciprocamente nel modo che non possano tutte eseguirsi (Vol. VII, p.529)

""La contradizione non si deve ritrovare fra le dichiarazioni emesse nella sentenza e il fatto risultante nel processo, ma fra le diverse dichiarazioni contenute nelle sentenza stessa; essa cioe` non si ha da ritrovare nei motivi della sentenza ma la contradizione per fornire motivo di ritrattazione <u>deve ritrovarsi nel dispositivo</u>, poiche` quando vi e` siffata contradizione manca la base della sentenza stessa <u>cioe` la certezza del gudicato</u>" (Vol. XXV, pI, p.137,

Vol XXIX, pI, p. 795, Vol. XLIII pI p.364 u “Ferro vs Housing Secretary” deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta’ Frar, 1977).”

Issa fil-kaz taht ezami, ma jidhirx li hemm il-kontradizzjonijiet esposti mir-ritrattandi. Id-decide certament li ma jikkontjeni l-ebda kontradizzjoni li toffuska dak li iddecidiet il-Qorti u lanqas il-frazijiet kontenuti fil-konsiderazzjonijiet u citati mir-ritrattandi ma jaghmlu dan.

Ghalhekk dan l-aggravju wkoll qed jigi respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti ritrattandi bl-ispejjez gudizzjarji kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------